Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2023/2112(INI)

14.9.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar kuxjenza storika Ewropea
(2023/2112(INI))

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

Rapporteur: Niyazi Kizilyürek

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 7

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar kuxjenza storika Ewropea
(2023/2112(INI))

Il-Parlament Ewropew,,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 165 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Settembru 2019 dwar l-importanza tat-tifkira tal-istorja Ewropea għall-ġejjieni tal-Ewropa[1],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-2 ta' April 2009 dwar il-kuxjenza Ewropea u t-totalitarjaniżmu[2],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[3],

– Wara li kkunsidra l-istudju li sar għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tiegħu intitolat "European Historical Memory: Policies, Challenges and Perspectives"[4],

– wara li kkunsidra l-istudju li sar għall-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tiegħu intitolat "European Identity"[5],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A9-0000/2023),

A. billi l-passat kumpless, mimli kunflitti u kkontestat tal-Ewropa joħloq kemm sfida kif ukoll opportunità għall-integrazzjoni Ewropea;

B. billi l-inġustizzji bbażati fuq il-ġeneru, it-twemmin u l-etniċità kienu inerenti fl-istorja Ewropea matul ħafna sekli, inkluż fil-forma ta' antisemitiżmu u antiżingariżmu;

C. billi l-istorja qatt ma għandha tkun relativata, mgħawġa jew iffalsifikata għal skopijiet politiċi;

---

[1] ĠU C 171, 6.5.2021, p. 25.
[2] ĠU C 137 E, 27.5.2010, p. 25.
[3] ĠU L 156, 5.5.2021, p. 1.
[4] Studju – "European Historical Memory: Policies, Challenges and Perspectives", (Memorja Storika Ewropea: Politiki, Sfidi u Perspettivi) (it-tieni edizzjoni), Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku B – Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, April 2015.
[5] Studju – "European Identity" (Identità Ewropea), il-Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni, Dipartiment Tematiku B – Politiki Strutturali u ta' Koeżjoni, April 2017:

D. billi n-negazzjoniżmu storiku jirrappreżenta theddida maġġuri li jkebbes in-nar biex ikun hemm nuqqas ta' fiduċja u kunflitt bejn il-popli u n-nazzjonijiet u timmina l-isforzi biex jitrawmu l-ġustizzja storika u r-rikonċiljazzjoni;

E. billi t-trattament tal-passat jirrikjedi l-akbar imparzjalità, oġġettività u nuqqas ta' passjoni kemm fl-akkademja storika kif ukoll fl-isfera politika;

F. billi l-memorja storika tinkorpora grad distint ta' soġġettività, peress li l-għażla ta' x'wieħed jiftakar u kif jiġi interpretat il-passat neċessarjament jinvolvu ġudizzji ta' valur;

G. billi, filwaqt li hemm "fatti storiċi" bbażati fuq il-ħidma storika professjonali, ma hemm l-ebda "verità storika" monolitika, inkontestabbli u dejjiema li grupp jew nazzjon speċifiku wieħed jista' jimmonopolizza u jsostni li hija esklużivament tiegħu;

H. billi t-trawwim ta' kuxjenza storika kritika bejn il-fruntieri permezz ta' mezzi edukattivi u mezzi oħra huwa ċentrali biex l-Ewropej ikunu jistgħu jirrikonċiljaw ruħhom mal-passat tagħhom, jittrattaw b'fiduċja l-preżent u jaħdmu lejn futur komuni;

I. billi l-kuxjenza storika Ewropea hija mifhuma bħala kapaċità individwali kif ukoll kollettiva u ħila li wieħed jifhem, jivvaluta b'mod (awto)kritiku u jitgħallem mill-istorja, u dan jiffaċilita r-rikonoxximent tal-konnessjoni inseparabbli u l-interdipendenza bejn il-passat, il-preżent u l-futur;

Nittrattaw il-passat (skur) tal-Ewropa bħala riskju u opportunità

1. Jirrikonoxxi li l-istorja diversa u spiss konfliġġenti tan-nazzjonijiet u l-istati Ewropej tagħmel kwalunkwe sforz biex l-istorja tiġi ttrattata f'livell politiku sovranazzjonali diffiċli u potenzjalment perikoluż, u li t-tentattivi biex jiġi rregolat il-mod kif jiġi kkommemorat u interpretat il-passat dejjem huma ta' sfida;

2. Jenfasizza l-potenzjal tal-prinċipju ta' *historia magistra vitae* u jqis b'mod speċjali l-elementi skuri tal-istorja tal-Ewropa – inklużi t-totalitarjaniżmu, ir-razziżmu, l-ġingoiżmu u l-kolonjaliżmu — mhux biss bħala tfakkira vigoruża tal-iżbalji tal-passat li r-ripetizzjoni tagħhom għandha tiġi evitata, iżda wkoll bħala sejħa għal ħidma konġunta lejn soċjetajiet demokratiċi u inklużivi fl-Unjoni u globalment;

3. Iqis li t-trattament tal-istorja responsabbli, ibbażat fuq l-evidenza u kritiku huwa *sine qua non* għal kwalunkwe korp politiku demokratiku, sabiex il-ġenerazzjonijiet attwali u futuri jiġu sensibilizzati għall-kisbiet u l-aberrazzjonijiet tal-passat bl-istess mod, sabiex jissaħħaħ diskors pubbliku awtoriflessiv u jitrawmu l-komprensjoni u r-rikonċiljazzjoni fi ħdan u fost gruppi soċjali, nazzjonijiet u stati partikolari;

Politika tal-passat fl-Unjoni Ewropea – valutazzjoni kritika

4. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' valutazzjoni onesta tal- "politika tal-passat" tal-UE, li matulha stinkat biex iżżid il-leġittimità tal-proġett Ewropew u ssaħħaħ is-sens ta' appartenenza Ewropew, billi tirrikonoxxi bl-istess mod il-kisbiet u n-nuqqasijiet eżistenti;

5. Jirrikonoxxi l-firxa ta' inizjattivi tal-passat u tal-preżent fil-livell Ewropew biex titrawwem memorja storika Ewropea komuni, inkluż il-Jum ta' Tifkira tal-Olokawstu, il-Jum Ewropew ta' Tifkira għall-Vittmi tar-Reġimi Totalitarji u Awtoritarji kollha, l-istabbiliment ta' linja ddedikata għat-tifkira fil-programm preċedenti Ewropa għaċ-Ċittadini u l-programm attwali Ċittadinanza, Ugwaljanza, Drittijiet u Valuri (CERV), u diversi riżoluzzjonijiet tal-Parlament bħal dik tad-19 ta' Settembru 2019 dwar l-importanza tat-tifkira tal-istorja Ewropea għall-ġejjieni tal-Ewropa;

6. Jesprimi t-tħassib tiegħu li għad hemm kompetizzjoni moħbija u inkompatibilità parzjali bejn oqfsa differenti tal-memorja u kulturi ta' tifkira fl-Unjoni, speċjalment bejn l-Ewropa tal-Punent u tal-Lvant;

7. Jirrikonoxxi li l-preokkupazzjoni tal-Unjoni prinċipalment bin-narrazzjoni ta' storja dwarha nnifisha *ex negativo*, bl-orruri tal-passat u speċjalment is-Soċjaliżmu Nazzjonali u l-Istaliniżmu jservu bħala "mit negattiv ta' bażi", jipprovdi sens qawwi ta' skop għall-proġett Ewropew, iżda għandu r-riskju li jrawwem skema sewda u bajda tal-istorja teleoloġika u simplistika li potenzjalment ixxekkel komprensjoni infurmata bis-sħiħ tal-passat kumpless tal-Ewropa u tnaqqas l-inċentivi biex jiġu sfidati l-istereotipi u l-oġġetti sagri tal-istorja nazzjonali li ma jintmessux;

Lejn kuxjenza storika infurmata fl-Ewropa

8. Jirrikonoxxi l-ħtieġa ta' komprensjoni usa' u aktar olistika tal-istorja Ewropea biex tinħoloq kuxjenza storika (awtokritika) Ewropea, b'mod partikolari billi l-ambitu ta' inizjattivi ta' tifkira attwali Ewropej jitwessa';

9. Jisħaq fuq l-importanza li nimxu lil hinn minn "kultura ta' tifkira" Ewropea li fil-biċċa l-kbira tagħha tkun minn fuq għal isfel u ċċonċernata mid-definizzjoni ta' dak li l-Ewropej għandhom jiftakru u nimxu lejn "kultura ta' tifkira" minn isfel għal fuq, immexxija miċ-ċittadini u bbażata fuq prinċipji u valuri komuni Ewropej, b'konċentrazzjoni fuq l-iżvilupp ta' kapaċitajiet għal ħidma kritika mill-ġdid tal-passat fil-livelli nazzjonali u Ewropej;

10. Jirrikonoxxi l-importanza kruċjali li l-passat tal-Ewropa jiġi indirizzat fuq il-pedament tal-valuri ewlenin Ewropej bħall-umaniżmu, it-tolleranza, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, u li tinħoloq sfera miftuħa ta' diskussjoni li tagħmilha possibbli wkoll li jiġu indirizzati elementi diffiċili tal-istorja nazzjonali u li tipprevedi komprensjoni reċiproka u rikonċiljazzjoni kemm fi ħdan kif ukoll bejn in-nazzjonijiet Ewropej;

11. Jistieden lill-Istati Membri jirrevedu l-kurrikuli u l-metodoloġiji tat-tagħlim attwali bil-għan li jibdlu l-enfasi mill-istorja nazzjonali għall-istorja Ewropea u globali u sabiex jippermettu aktar enfasi fuq tifkira storika sovranazzjonali, b'mod partikolari billi jippermettu interpretazzjonijiet multipli tal-istess perjodu u avveniment storiku u billi jrawmu stili ta' tagħlim korrispondenti li jiffavorixxu r-riflessjoni u d-diskussjoni aktar milli t-trasferiment tal-għarfien u li jkunu ggwidati mill-objettiv ġenerali li l-istudenti jitgħallmu "kif jaħsbu" aktar milli "x'jaħsbu";

12. Jistieden lill-Istati Membri jipprovdu taħriġ tal-għalliema (tal-istorja) imfassal apposta li jippermetti lill-għalliema jifhmu l-aspetti tranżnazzjonali tal-istorja, juża didattika

adegwata u prinċipji ta' tagħlim modern u jkun primarjament ikkonċernat bil-formazzjoni ta' żgħażagħ awtoriflessivi;

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-għodod attwalment disponibbli fil-livell Ewropew sabiex titrawwem kuxjenza storika (awto)kritika Ewropea, b'mod partikolari l-programm Erasmus+, li jappoġġja l-mobbiltà u t-tagħlim interkulturali bħala għodod ewlenin biex kulturi u nazzjonijiet oħra jiġu mifhuma aħjar, u l-programm CERV, li jipprovdi appoġġ għal proġetti ta' tifkira storika tranżnazzjonali u jippromwovi l-impenn ċiviku;

14. Jitlob li l-istituzzjonijiet Ewropej, l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-atturi tas-soċjetà ċivili jżidu l-isforzi biex jastjenu minn kwalunkwe tentattiv ta' strumentalizzazzjoni tal-istorja għal skopijiet politiċi u dan jiċħduh, u jiġġieldu n-negazzjoniżmu storiku kemm fl-Unjoni Ewropea kif ukoll lil hinn minnha;

Prospettivi: il-wirt tal-passat u l-futur tal-UE

15. Iħaddan l-ideal ta' "kultura ta' tifkira" u kuxjenza storika bbażata fuq valuri u prattiki komuni Ewropej biex jiġi indirizzat il-passat, iżda fl-istess ħin jiġi evitat kwalunkwe livellar jew simplifikazzjoni bla bżonn tal-istorja;

16. Jesprimi t-tama tiegħu li abbażi ta' awtoriflessjoni kritika relatata mal-istorja u r-responsabbiltà storika fil-livell nazzjonali, jista' jitfaċċa diskors ta' riflessjoni verament Ewropew dwar il-passat tal-kontinent, u l-istorja ma tiġix abbużata għal skopijiet politiċi ta' poter;

17. Jipprevedi memorji kollettivi nazzjonali li eventwalment jikkontribwixxu għal sfera pubblika Ewropea u jingħaqdu magħha, b'kulturi ta' tifkira nazzjonali li jikkomplementaw lil xulxin aktar milli jkunu f'kompetizzjoni, u li l-istorja tiġi ttrattata b'mod li ssir kwistjoni ta' azzjoni ċivika aktar milli politika;

°

° °

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Il-valur intrinsiku tal- "kuxjenza storika" joħroġ mis-suppożizzjoni sottostanti li l-għarfien tal-istorja mhuwiex biss valur fih innifsu, iżda jgħin biex nifhmu l-preżent u jiggwidana wkoll fit-tentattivi tagħna biex insawru l-futur.

Fil-fatt, il-kuxjenza storika tgħinna ninterpretaw il-passat, iżda tgħinna wkoll biex nifhmu min aħna, fejn ninsabu pożizzjonati fiż-żmien, u kif naġixxu bħala parteċipanti biex inkomplu l-istorja li eventwalment se jkollha impatt storiku. Fi kliem ieħor, il-kuxjenza storika mhux biss tgħin fl-iżvilupp ta' sensittività *lejn* u komprensjoni *tal*-passat, iżda żżid ukoll l-għarfien personali tagħna stess, bħala Ewropej fir-rigward tal-istorja.

Reviżjoni kritika tal-passat m'għandhiex, madankollu, tkun limitata biex tenfasizza l-vittmi ta' reġimi awtoritarji u totalitarji; għandha tivvaluta mill-ġdid in-naħat skuri kollha tal-istorja Ewropea, inkluż il-kolonjaliżmu, ir-razziżmu, il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-inġustizzji storiċi bbażati fuq il-ġeneru.

B'dan il-ħsieb, ir-rapport preżenti tal-Parlament Ewropew dwar "Il-kuxjenza storika Ewropea" huwa strutturat f'erba' partijiet:

- L-ewwel parti (*Nindirizzaw il-passat (skur) tal-Ewropa bħala riskju u opportunità*) tirrikonoxxi l-importanza li l-istorja tiġi ttrattata b'mod responsabbli u kritiku bħala *sine qua non*, bħala ħtieġa intrinsika biex nitgħallmu mill-passat tagħna.

- It-tieni parti (Politika tal-passat fl-Unjoni Ewropea – valutazzjoni kritika) tissottolinja l-periklu li titrawwem narrattiva teleoloġika u simplistika tal-istorja li fiha l-orruri tal-passat iservu bħala "mit negattiv ta' bażi" għall-integrazzjoni Ewropea.

- It-tielet parti (*Lejn kuxjenza storika infurmata fl-Ewropa*) tfittex kuxjenza storika infurmata tajjeb fl-Ewropa u tiddeskrivi toroq possibbli li eventwalment jilħqu dan l-objettiv.

- Ir-raba' u l-aħħar parti (*Prospettivi: il-wirt tal-passat u l-futur tal-UE*) iħaddan l-idea ta' "kultura ta' tifkira" ġdida li trawwem kuxjenza storika bbażata fuq valuri u prattiki kondiviżi Ewropej.

1. Nittrattaw il-passat (skur) tal-Ewropa bħala riskju u opportunità

Kif fakkar korrettament Jacques Delors f'diversi okkażjonijiet, iċ-ċittadini Ewropej "ma jistgħux isiru jħobbu s-suq uniku" (1989).[1] Sabiex jiġi żviluppat sens ta' appartenenza komuni, il-ħidma fuq il-memorja kollettiva hija indispensabbli, peress li l-memorja kollettiva hija aspett ċentrali tal-formazzjoni u t-tisħiħ tal-identità tal-grupp.

Madankollu, m'hemmx memorja kollettiva Ewropea waħda partikolari. Il-memorji tan-

[1] Delors, Jacques (1989). *Dikjarazzjoni dwar il-linji ġenerali tal-politika tal-Kummissjoni ppreżentata minn Jacques Delors, President tal-Kummissjoni, lill-Parlament Ewropew u tweġiba għad-dibattitu Parlamentari sussegwenti.* Il-Lussemburgu: Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (Bullettin of the European Communities; Supplement 1/89), p. 6.

nazzjonijiet u l-popli li jiffurmaw l-UE huma mimlija bi gwerer, kunflitti u tilwim. Għall-formazzjoni ta' memorja kollettiva, jeħtieġ għalhekk li nidħlu fi proċess ta' *Vergangenheitsbewältigung* ("nirrikonċiljaw ruħna mal-passat/naħdmu fuqu"), b'mod partikolari biex nirranġaw l-imgħoddi b'mod kritiku u sinifikattiv kemm fil-livell tal-Istati Membri kif ukoll f'dak tal-UE.

2. Politika tal-passat fl-Unjoni Ewropea – valutazzjoni kritika

Mill-perspettiva storika, m'għandniex inqisu l-Ewropa bħala ċiviltà omoġenja u spazju ġeopolitiku. Din it-tip ta' perċezzjoni tal-passat, kif osserva Norbert Elias anke fl-1939, tibni fuq it-tradizzjoni tal-orjentaliżmu, il-kolonjaliżmu u l-antikomuniżmu.[2] Dak li għandu jkun l-għan aħħari tal-politiki tal-memorja Ewropea mhuwiex li jiġi żviluppat sens immaġinat ta' passat komuni, iżda li jkun hemm direzzjoni ċara għall-futur tal-UE u li jissaħħaħ is-sens komuni ta' appartenenza Ewropea.

Giorgio Agamben ġustament isostni li jekk l-idea tal-Ewropa għandha xi tifsira, din tikkonsisti fil-fatt li l-Ewropej – għall-kuntrarju tal-Asjatiċi u l-Amerikani — "jistgħu jiksbu aċċess għall-verità tagħhom biss permezz ta' konfrontazzjoni mal-passat, biss billi jirrikonċiljaw ruħhom mal-istorja tagħhom".[3]

Bħala l-President tal-Kunsill Ewropew Herman Van Rompuy fl-2013 iddikjara li: "Fl-Ewropa, xi drabi ma ma nirrealizzawx l-importanza tal-istorja reċenti; Kif in-nies f'xi partijiet mid-dinja jħarsu lejna."[4] Żewġ studji mitluba mill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-Parlament Ewropew intitolati "European Historical Memory: Policies, Challenges and Perspectives" (Memorja Storika Ewropea: Politiki, Sfidi u l-Perspettivi) u "European Identity" (Identità Ewropea),[5] li fuq is-sejbiet tagħhom huwa bbażat dan ir-rapport, juru b'mod ċar li – filwaqt li l-passat spiss jissemma fid-diskorsi uffiċjali tal-UE – il-"passati diffiċli" mhumiex indirizzati biżżejjed fil-livell Ewropew.

Huwa fatt li, f'xi okkażjonijiet, l-Unjoni Ewropea għandha t-tendenza li twarrab il-memorji tal-krudeltà tal-kolonjaliżmu Ewropew u tal-imperjaliżmu għal raġunijiet ta' kooperazzjoni u interessi ekonomiċi. Huwa ta' importanza massima li nevitaw dan it-tip ta' approċċ selettiv għall-passat u li nikkonfrontaw ukoll il-ħafna elementi mhux pjaċevoli tal-istorja tagħna.

Huwa wkoll fatt, madankollu, li l-UE għamlet sforzi konxji biex tittratta l-passat(i) diffiċli tal-Ewropa; hija involuta fit-twettiq ta' ħidma ta' memorja u tiddedika riżorsi sostanzjali biex jintlaħaq dak l-għan.

3. Lejn kuxjenza storika infurmata fl-Ewropa

Jeħtiġilna nevitaw li nibnu memorja kollettiva Ewropea biss fuq mit negattiv ta' bażi, peress li

---

[2] Ara Elias, Norbert (1939). Über den Prozeß der Zivilisation (Dwar il-Proċess taċ-Ċivilizzazzjoni) (2 volumi). Basel: Verlag Haus zum Falken.

[3] Agamben, Giorgio (2019 [1942]). *Creation and Anarchy: the Work of Art and the Religion of Capitalism*(Ħolqien u Anarkija: l-Opra tal-Arti u r-Reliġjon tal-Kapitaliżmu (tradott minn Adam Kotsko). Stanford, CA: Stanford University Press, p. 8.

[4] Van Rompuy, Herman (2013). *"Europe in the World" (L-Ewropa fid-Dinja)*. Lekċer mill-President tal-Kunsill Ewropew Herman von Rompuy f'Regent's University, Londra (EUCO 189/13), p. 6.

[5] Prutsch, Markus J. (2015 [it-2 edizzjoni]). *European Historical Memory:* Policies, Challenges and Perspectives" (Memorja Storika Ewropea: Politiki, Sfidi u Perspettivi). Brussell: Il-Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni. Prutsch, Markus J. (2017). *European Identity* (Identità Ewropea. Brussell: Parlament Ewropew, Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Unjoni.

dan ifixkel l-eżami kritiku tal-passat.

L-Unjoni Ewropea hija komunità ta' destin (*Schicksalsgemeinschaft*), u għandha tinftiehem bħala tali u mhux bħala komunità ta' memorja kollettiva waħda kondiviża. Dan huwa l-mod kif għandu jitqies il-"vjaġġ storiku" tal-Ewropej.

Hawnhekk tinsab l-importanza tal-kuxjenza storika: hija għodda adegwata li tgħinna nikkonċettwalizzaw kif nifhmu u nirrelataw mal-istorja; tgħin biex tiġi rikonoxxuta l-istoriċità taċ-ċirkostanzi tagħna. Fi kliem ieħor, hija tgħin fl-iżvilupp ta' kapaċità ta' interpretazzjoni u rikonoxximent tal-passat fil-forma ta' storja. Il-kuxjenza storika ssaħħaħ il-kapaċità li nużaw l-esperjenzi u li nagħmlu sens minn sitwazzjonijiet u identifikazzjonijiet kontemporanji[6]. "L-istorja" mhijiex is-somma totali ta' fatti tal-passat, iżda hija t-tifsira prodotta wara l-konċettwalizzazzjoni u l-ħidma permezz tal-fatti. Wieħed jista' jargumenta li l-istorja hija "għarfien personali".

4. Prospettivi: il-wirt tal-passat u l-futur tal-UE

Il-ħidma tal-memorja fil-livell tal-UE m'għandhiex tintuża bħala forma ta' setgħa ta' persważjoni biex jiġu espressi pożizzjonijiet politiċi jew jiġu difiżi l-interessi politiċi. Il-ħsieb dwar l-istorja huwa forma ta' orjentazzjoni fir-rigward tal-preżent u l-futur[7]. Għalhekk, l-iskop ewlieni tat-tagħlim tal-istorja għandu jkun il-formazzjoni ta' kuxjenza storika kemm bħala kapaċità kollettiva kif ukoll individwali.

B'mod globali, ir-rapport iħaddan l-ideal ta' "kultura ta' tifkira" u kuxjenza storika li hija bbażata fuq valuri u prattiki komuni Ewropej fl-indirizzar tal-passat, iżda fl-istess ħin jevita kwalunkwe simplifikazzjoni tal-istorja;

[6] Popa, Nathalie (2023). "How Meaning Making Cultivates Historical Consciousness: Identifying a Learning Trajectory and Pedagogical Guidelines to Promote It" "Kif it-Tiswir tat-Tifsira Jikkoltiva l-Kuxjenza Storika: L-identifikazzjoni ta' Trajettorja tat-Tagħlim u Linji Gwida Pedagoġiċi għall-Promozzjoni tagħha). Fi: *The Social Studies* 114:4, pp. 139-159, hawn p. 142f.

[7] Nordgren, Kenneth (2019)."Boundaries of Historical Consciousness: a Western Cultural Achievement or an Anthropological Universal" (Il-Konfini tal-Kuxjenza Storika: Kisba Kulturali tal-Punent jew Universali Antropoloġika). Fi: *Journal of Curriculum Studies* 51:6, p. 779-797, hawn p. 791.